

**Brussell, 29 ta' Jannar 2021  
(OR. en)**

**5623/21**

**SOC 42  
EMPL 30  
ECOFIN 71  
EDUC 22**

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tal-Impjegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul: messaġġi ewlenin - Approvazzjoni ta' messaġġi ewlenin konġunti tal-EMCO u I-KPS

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom.

L-Anness għall-messaġġi ewlenin tal-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda jinsab fl-ADD 1 għad-dokument 5623/21.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-messaġġi ewlenin mill-Kumitati tal-Impjegi u tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda.

## **Rieżami konġunt tal-EMCO u l-KPS tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol**

### **Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**

It-tielet rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda (LTU) fis-suq tax-xogħol sar fit-30 ta' Novembru 2020. Peress li r-Rakkomandazzjoni tappella lill-EMCO biex jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-KPS fir-rigward tas-servizzi soċjali u l-ġhoti ta' appoġġ għad-dħul, din it-tielet reviżjoni twettqet b'mod konġunt miż-żewġ Kumitati.

Ir-rieżami tal-2020 esplora l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-persuni li ilhom qiegħda, u r-rispons mogħti mis-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali għall-forniment ta' servizzi integrati. L-objettivi ewlenin kienu li jintwera kif l-Istati Membri kienu qed jindirizzaw l-isfidi li l-persuni qiegħda fit-tul iffaċċjaw matul l-istadji inizjali tal-kriżi ekonomika u l-miżuri stabbiliti biex jipprevjenu żidiet fil-qgħad fit-tul kif ukoll rotot possibbli għall-irkupru. Filwaqt li r-risponsi ta' politika fil-kuntest tal-COVID-19 fir-rigward tal-impjiegi u s-servizzi soċjali jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, ir-rieżami identifika xi karatteristiċi komuni.

Fir-rigward tas-servizzi tal-impjiegi, il-konsulenza individwalizzata jew it-tfassil ta' profili, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi u d-disponibbiltà tagħhom kienu l-aktar affettwati b'mod negattiv mill-kriżi tal-COVID-19. Ir-reġistrazzjoni u l-forniment ta' servizz integrat ġew l-inqas affettwati (b'14 u 16-il Stat Membru li ma rrapportaw l-ebda impatt għal kull funzjoni, rispettivament). Minħabba kunsiderazzjonijiet ta' saħħa u ta' sikurezza, ħafna Stati Membri rrapportaw sforzi biex iċaqilqu online mill-inqas parti mill-appoġġ għall-impjiegi lill-persuni li ilhom qiegħda. Madankollu, dawn il-bidliet kellhom riżultati mħallta, inkluż minħabba aċċess mhux ugwali għas-servizzi online fost il-persuni li ilhom qiegħda u dawk inattivi, b'mod partikolari dawk b'inqas ħiliet fl-ICT. Barra minn hekk, f'kuntest ta' għadd dejjem jikber ta' persuni li jirreġistraw għas-servizzi tal-impjiegi u kapaċitajiet limitati tal-persunal, xi Stati Membri jirrapportaw ukoll li meta jipprovdu kollokament f'impjeg u servizzi korrispondenti, il-persunal tas-servizz tal-impjiegi għandu t-tendenza li jagħti prijorità lill-persuni li sabu ruħhom qiegħda aktar reċentement, peress li dawn għandhom probabbiltà oġhla li jsibu impjeg.

Fir-rigward tas-servizzi soċjali, ir-rieżami wera li l-pandemija kellha impatt negattiv fuq l-għoti ta' servizzi, b'mod partikolari dawk li jeħtieġu kuntatti personali. Filwaqt li l-appoġġ lill-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli nżamm sa ċertu punt, dan iffoka prinċipalment fuq l-aċċess u l-kontinwità tal-għoti tal-benefiċċji tal-assistenza soċjali. Ir-riċevituri tad-dħul minimu ssemmev minn xi Stati Membri bħala wieħed mill-gruppi fil-mira ta' prijorità. Jidher li r-reġistrazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi huma l-inqas li kellhom impatt fuqhom (b'18-il Stat Membru li ma rrappurtaw l-ebda impatt għaż-żewġ funzjonijiet). Xi Stati Membri għamlu sforzi addizzjonali biex itejbu l-aċċess għall-benefiċċji (pereżempju, permezz ta' llaxkar tal-kundizzjonijiet tal-aċċess, it-nehħija ta' tariffi, it-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, jew l-użu ta' għodod diġitali).

Is-sensibilizzazzjoni, il-konsulenza individwali jew it-tfassil ta' profili, kif ukoll il-kontinwità tas-servizzi spiss ġew milquta b'mod negattiv. Madankollu, xi prattiki tajbin ġew irrappurtati bħala parti mill-programm ta' attivazzjoni soċjali (bħal kuntatti ta' kull ġimgħa mal-benefiċjarji nżammu permezz ta' diversi mezzi tal-media soċjali jew billi ġew inkoraġġuti attivitajiet volontarji biex jgħinu liċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli).

Aktar minn nofs l-Istati Membri qed jippjanaw bidliet fil-proċessi amministrattivi tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES), b'mod partikolari lejn soluzzjonijiet online u aktar integrazzjoni tas-servizzi. Kważi l-Istati Membri kollha ħatru punt uniku ta' kuntatt fi ħdan jew barra l-PES tagħhom, li jista' jiffaċilita l-koordinazzjoni tal-appoġġ u l-offerti pprovduti lill-persuni li ilhom qiegħda. Fl-istess ħin, dan jista' jikkontribwixxi għat-trawwim ta' sħubijiet avvanzati bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u s-servizzi soċjali biex jiġu pprovduti programmi ta' attivazzjoni soċjali u inizjattivi oħra li jgħaqqdu elementi tal-impjiegi u tal-appoġġ soċjali. Madankollu, tali sħubijiet avvanzati li jinvolvu għanijiet konġunti u miżuri u servizzi komprensivi għadhom pjuttost rari. It-tisħiħ tal-approċċ ta' Punt Uniku ta' Kuntatt jista' jgħin biex tiġi ffaċċjata l-pressjoni li qed tiżdied fuq il-fornituri tas-servizzi. It-tisħiħ ta' perkorsi individwali li jindirizzaw diversi ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' aktar żidiet fil-qgħad fit-tul. Dan jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi tal-impjiegi u dawk soċjali. Biex jappoġġaw dan il-proċess, l-Istati Membri huma mħeġġa jkomplu jibnu fuq programmi ta' tagħlim reċiproku, li jinvolvu b'mod partikolari kemm il-PES kif ukoll is-servizzi soċjali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żiedu r-riżorsi biex jindirizzaw il-qgħad fit-tul u l-inattività fil-kuntest tal-kriżi attwali. Dan kien jinvolvi reazzjonijiet immedjati li jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-użo tas-servizzi online, it-twessigħ tal-gruppi fil-mira u l-immirar tal-gruppi vulnerabbli. Ħafna Stati Membri għadhom fil-proċess li jippjanaw jew jimplimentaw tali miżuri, inkluż bħala parti mill-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza tagħhom, pereżempju miżuri biex itejbu l-ħiliet diġitali.

L-inċertezza fir-rigward tal-implikazzjonijiet fit-tul tal-kriżi li għaddejja bħalissa fuq l-appoġġ għal persuni li ilhom qiegħda ġiet kondiviża wkoll b'mod wiesa' minħabba l-enfasi attwali fuq ir-rispons prinċipalment għall-effetti immedjati tal-kriżi fuq it-telf tal-impjiegi u l-preservazzjoni tal-impjiegi. F'dan l-istadju, l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-politika fuq terminu medju sa twil ser ikollhom jiffukaw fuq it-tlestija tal-programmi u l-miżuri li ġew interrotti jew posposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll fuq it-taħlita mmirata ta' servizzi għall-persuni li ilhom qiegħda u t-twettiq integrat tagħhom.

Il-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni dwar l-LTU huwa sostnut ukoll minn data kwantitattiva li qed tinġabar bl-appoġġ tal-Istati Membri. L-aħħar (it-tielet) eżerċizzju sħiħ ta' ġbir ta' data bbażat fuq il-Qafas ta' Indikaturi żviluppat mill-EMCO twettaq fl-2019 (sommarju tar-riżultati huwa anness ma' dawn il-messaġġi ewlenin). L-eżerċizzju huwa ffukat fuq it-twassil ta' ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjieg (JIAs), l-eżiti tal-impjiegi miksuba u l-punt sa fejn dawn huma sostenibbli. Filwaqt li 14-il Stat Membru kisbu kopertura ta' mill-inqas 95 % fl-2019, fi 8 Stat Membru mill-inqas wieħed minn kull tliet individwi rreġistrati għal 18-il xahar jew aktar ma kellhomx JIA. L-indikaturi ta' segwitu li juru s-sitwazzjoni tal-utenti tal-JIA tmax-il xahar wara li jkunu bdew jaħdmu jistgħu jiġu kkalkulati biss għal 16-il pajjiż. Ir-riżultati tal-2019 juru li 46.5 % tal-utenti tal-JIA li ħarġu mill-qgħad minħabba li bdew jaħdmu fl-2018, kienu għadhom impjegati 12-il xahar wara (mhux neċessarjament fl-istess impjieg) meta mqabbla ma' 50.1 % ta' dawk li telqu fl-2017, u dan juri tnaqqis. B'mod ġenerali, l-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu passi addizzjonali biex itejbu l-kwalità u l-kompletezza tal-ġbir tad-data u jtejbju l-kapaċità tagħhom li jsegwu lin-nies wara li joħorġu mill-qgħad.